# Il-Baruni K. Vella Haber

## BIJOGRAFIJA QASIRA




Il-Baruni Kelinu Vella Haber twieled Għawdex fl-ewwel ta' Ottubru 1913. Bin Luċju u Anna mwielda Buttiġieġ. Hutu huma: Ġużeppi u Pietrupawl (illum mejjet) ikbar minnu waqt li Frank (miet fis-Servizz Militari fil-Gwerra), Carmen, Connie, Anġlu u Martin, ilkoll ħajjin.

**Edukazjoni**

Studja l-kors elemntari fl-iskola tal-Gvern in-nadur, il-Kors Medju fis-Seminarju ta' Ghawdex u l-Kulleġġ S. Alwiġi ta' Birkirkara u l-Kors Superjuri fil-Kulleġġ ta' San mark, ir-Rabat Malta.

**Impjiegi**

Sar surmast tal-Malti fis-Seminarju u Liċeo ta' Għawdex (1941-43); Spettur tal-Biedja (1943-45); "Information Officer" fis-Servizz Ċivili (1945-58); "Senior Information Officer"(SIO) fl-istess Ministeru tal-Biedja (1958-73). Bħala SIO kien Kap tat-Taqsima Informazzjoni u Publiċità nkarigat ukoll mix-xandira għall-Bdiewa ta' kull nhar ta' Ħadd u Editur ta' "Il-Bidwi", iktar tard imsemmi "L-Agrikultura".

**Stat Soċjali**

Iżżewweġ lil Carmen Camilleri, bint Gużeppi u Tereża Bartolo, fit-18 ta' Awissu, 1945, fil-parroċċa ta' San Gejtanu l-Hamrun. Ix-xhieda kienu Karmenu Zammit Marmara MBE u l-Mro. Joseph Abela Scolaro, FLCM, A. Mus. LCM. Bħala ħbieb ta' l-għarus, il-kantanti magħrufa Oreste Chircop u pawlu Axiaq kanataw l-Ave maria ta' Scubert u ta' Gunoud waqt it-tieġ. Iċ-ċelebrant kien iz-ziju ta' l-għarusa Dun Anġ Camilleri tal-Qala.

**Ulied**

Uliedu huma tlieta: Frances u Joyce u Michael. Frances u Joyce huma l-ewwel żewġ tfajliet Maltin fl-istorja ta' Malta li kisbu grad tal-B.A. Hons fl-Ilsien Malti mill-Università Rjali ta' Malta. Michael sar Kirurgu Dentali u fetaħ l-ewwel Klinika Dentali Privata f'Għawdex, attrezzata u moderna.

**Għaqdiet u Movimenti**

Sar Segretarju Ġenerali tal-Għaqda tas-Sigarettiera maltin (1938-43) u organizza strikes biex itejjeb l-qagħda tal-barra ma maltin. Sar Membru Akkademiku ta' l-

Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti) fl-1942 u kien l-iċken akkademiku fl-età fost il-membri kollha. (Ara l-MALTI 1990 pp. 34-39). Waqqaf ix-Xirka ta' l-Ilsien Malti Nadur bħala tħejjija għat-twaqqif tal-Moviment tal-Malti li kellu 30 fergħa, nofshom għat-tfajliet u b'total ta' 1,600 bħala membri. Kien magħruf uffiċċjalment mill-Gvern fl-1948. Dam jiffunzjona fuq l-20 sena u b'hekk ħoloq l-ewwel milizzja tal-Malti (Ara Times of Malta u l-iktar Il-Berqa bejn l-1946 u 1965). Fl-1942 waqqaf l-Għaqda tal-bdiewa tan-nadur u wara l-fergħa tal-Qala, u kien segretarju tagħhom. Fl-1943 waqqaf l-Għaqda tas-Sajjieda Għawdxin imma ma laħaqx żviluppaha sewwa għaliex minn Għawdex reġa' lura għal Malta. (Ara Berqa, April 1943). Sar Segretarju tal-malta Accordeon Organisation (1960-67) u flimkien ma' Mro. Carmelo Abela (Mro. Ta' l-Ammiraljat) organizza l-Konkors Internazzjonali ta' l-Akkordjon f'Malta, magħruf bħala "Coupe Mondiale". Sal-lum, kien l-ewwel u l-aħħar Coupe Mondiale li sar f'Malta. Ġie maħtur Segretarju tal-Gżira Civic Council (1970) u Viċi-Prsident fl-1971. Kemm dam segretarju kkompona u bagħat lill-Gvern ta' dak iż-żmien Memorandum b'bosta punti relevanti għat-tijib tal-Gżira. Kemm dam Viċi-President, ġab lil Gżira l-Arma Civika tagħha mill-eredi tad-Dar Irjali ta' l-Aragona u l-Balearidi kif jidher f'Att tan-Nutar Paul Pullicino. Sar Viċi-President u wara President tar-Rose Society tad-Dar ta' Lourdes f'Għawdex (1968) u okkupa l-kariga għal għadd ta' snin. Kien segretarju ta' Għaqdiet oħra bħalma kienet il-Metal Workers Union" u l-MLP Club tal-Ħamrun fl-1945-46.

**Pubblikazzjonijiet**

Ippubblika: Is-Santwarju nazzjonali tal-Qala u l-Eremita tal-Mosta (Ebejer Press 1938); It-tieni ed. (Lux Press 1946); Il-Ktieb tat-Tiġieġ (Lux Press 1946) edizzjoni ta' 6000 kopja; Il-Kalendarju tal-Fjuri (Stamp. S. Ġużepp - Hamrun 1957, 1960, 1974); Kalendarju tal-Ħxejjex u Ħwawar (S. Ġużepp -Hamrun 1959) żewġ edizzjonijiet f'sena u t-tielet edizzjoni fl-1974; Il-Ktieb tax-Xorb(Kif taħdem l-Inbid id-dar) (S. Ġużepp Hamrun 1961); Is-Sigriet tat-Tjur (San Ġużepp Hamrun 1963); Is-Sigriet tal-Ġonna (San Ġużepp Hamrun 1965); Pietru u Pawlu - Oratorju mużikat minn Mr. Jos. Sammut (Gozo Press 1968); Folkdrama Nadurjana (edizzjoni limitata ta' 250 kopja 1991).

**Ġurnaliżmu**

Ikkontribwixxa għall-istampa eluf ta' kitbiet (Ara: Il-Berqa; The Dawn; Għawdex; Is-Sebħ; It-Torċa; Malta News; The Bulettin; iż-Żmien; In-Nazzjon; Il-Ħajja u l-Orizzont.

Kien editur ta' għadd ta' rivisti fosthom: Il-Qawsalla, folju ta' kull xahar tal-Moviment tal-Malti (1954-56; 1949-53); Il-bidwi, folju ta' kull ħmistax tad- Dip. tal-Biedja li fih kiteb mijiet kbar ta' artikoli kif ukoll editorjali (1945-66 Agrikoltura (tkomplija ta' "Il-Bidwi" b'isem ġdid, 1966-73), editur ta' dawn ir-rivisti kien bejn l-1958-73); SOSJ Observer, rivista ta' kull xahar ta' l-Ordni Sovr. ta' S. Ġwann ta' ġerusalemm. Kontribuzzjonijiet bl-Ingliż, Taljan u Franċiż 1978- ....

**Xandir fuq ir-Radju**
Għamel l-ewwel xandira fuq ir-Redifussion fl-1939 meta ġie ippreżentat fuq il-mikrofonu minn Nikol Biancardi. Għal snin twal ha sehem u/jew kien inkarigat mill-produzzjoni tax-Xandira ta' kull nhar ta' Hadd għall-bdiewa (1945-73); Ġieli kellu żewġ programmi fil-ġimgħa għall-movimenti tal-Malti, i.e. programmi letterarji fil-ġimgħa għall-Moviment tal-Malti, i.e. programmi letterarji u informattivi. Kiteb u xandar l-ewwel radjurdrammi bil-Malti; fetaħ, fil-Moviment tal-Malti, korsijiet fil-kitba tar- radjudrammi u x-xandir taghhom; organizza l-ewwel żewġ Konkorsi għall-kitba tar-radjudrammi u b'hekk sar Missier ir-Radjurdramm Malti kif xehed l-istes Redifussion f'xandira speċjali ta' għeluq ta' anniversarju (Ott 1960) ikkonfermat b'ittra dokumentata: EHH/JF/47, bid-data tat-2 ta' Novembru, 1960, iffirmata mill-istess Direttur E. Hamilton-Hill. (Ara wkoll:Pronostku Malti Giov Muscat, snin 1956-57; "Orizzont" 29-3-79; in-Nazzjon Tagħna 11-7-70; Ittri ta' konferma fil-librerija ta' K.V.H. (Volum tar-Radjudrammi). Xandar b'kollox 'l fuq minn 5000 programm fuq ir-Redifussion u fuq Radju Malta Nazzjonali.

**Il-Poeżija**
Kiteb eluf fuq eluf ta' versi f'mijiet ta' poeżiji bil-Malti. L-ewwel versi kitibhom meta kien għadu l-kulleġġ fl-1936, ġiet magħżulha u dehret f'"Leħen il-Malti" Lulju-Awissu '36. Għandu mijiet ta' poeżiji u poemetti li għadhom qatt ma ġew ppubblikati. Rebaħ l-ewwel premju fil-Konkors ta' l-Imperial Trading Co. fl-1938; ir-raba' premju fil-Konkors ta' Ġ. Muscat fl-1941 u l-ewwel premju f'tas-sena ta' wara; Tismija ta' Unur fil-konkors ta' l-Akkademja tal-Malti fl-1944; it-Tielet premju għall-Ballati, fl-1944. Wara dawn il-premijiet, flok jikkonkorri, beda jorganizza l-kompetizzjonijiet u l-konkorsi huwa stess. Rebaħ il- Lauro D'Oro" f'Konkors f'Napli l-Italja fl-1977 għall-ewwel tlett strofi tal-Gerusalemme Liberata bil-Malti. Fl-1991 rebaħ l-ewwel premju ix-Scettro D'Oro fil-XXV Konkors Internazzjonali ta' Napli għal "Folkdrama Nadurjana" f'versi bil-Malti (fuq elf u mitt vers). Kiteb xi versi bl-Ingliż, fosthom: "Nadur: City of the Rising Sun" u "Destiny".

**Dottorati**
Ġie mogħti d-Dottorat fil-Letteratura (D. Lit.) mill-International School of Religions(Surrey UK u USA), id-Dottorat fl-Erboloġija u l-Fitoterapija mill-Università Internazzjonali tal-Mediċina Komplimentari ta' Colombo (1989) għar-riċerki fuq il-Ħxejjex Mediċinali. Kiseb għadd ta' dottorati oħrajn, li wieħed ma jistax jelenka f'bijografija qasira ta' dan it-tip.

**Titoli, Kavallerati, Cittadinanzi, Midalji u Unuri oħra**
Ġie mogħti għadd ta' unuri minn Universitajiet, Akkademji Internazzjonali u pajjiżi barranin, minn Ordnijiet Kavallereski, fost oħrajn, il-Midalja ta' l-Istat tal-Puerto Rico ippreżentata mill-istess Gvernatur fil-Fortaleza; ir-rank ta' Kurunell fl-istaff tal-Gvernatur ta' Kentucky u tal-Michigan (USA); iċ-Ċittadinanza ta' Assisi (l-Italja); ġie onorat bil-Midalja tad-Deheb minn bosta Akkademji

Internazzjonali bħalma hija l'Academie de Lutece. kien il-mistieden ta' l-unur f'bosta pajjiżi għall-okkażjonijiet differenti, fl-Ingilterra, fi Franza, fl-Italja, il-Fillandja, l-Isvezja, il-Ġermanja. Fl-aħħarnett ġie onorat b'titoli ta' nobiltà minn għadd ta' Djar Rjali ex-Sovrani u sar pluri titolat, pluri onorat u pluri akkademiku.

**Bibliografija Parzjali**


*Il-Berqa* (2.4.43)
*In-Nadur*(Kan. Caruana) Ġ. Muscat, 1953
*L-Orizzont* (Union Press 12.3.63)
*Il-Bidwi* (St. Jos. Press, Ottubru 63)
Ibid, nru. 307, Diċembru 65
*Malta's Who's Who* (Progress Press (1966-70)
*Maltese Poets of the 20th Century*, Ġ. Tonna Barthet (G. Muscat, 1968)
*Vatum Consortium*, K. Vassallo (St. Jos. Press 1968)
*Dictionary of Int. Biography* (London 70)
*Two Thousand Men of Achievement* (London 1971)
*Men of Achievement* (London 1974)
*Gli Amici di Pontzen* (Napli 1977)
*Pontzen Academicians* (Napli It. 1977)
*Orizzonti di Gloria* (Napli 1977)
Ibid (1991)
*Il-Bidwi* (St. Jos. Press, Lulju 1959)
Ibid, Ott 1973
*Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku Malti*, R. Mifsud Bonnici (Malta 1960)
*Coin World* (USA 27.10.65)
*Il-Mument* (7.6.81)
*It-Torċa* (18.8.91
*In-Nazzjon Tagħna* (17.8.91)
*It-Torċa* (25-8-91)
*Agrikultura* (St. Jos. Press No. 109, 15.6.71)
*An International Armorial* (Atlanta,Ga., USA 1984)
*In-Nadur*, Alex. Bonnici ofm (vol 1, 1984 pp.23, 37, 41, 43, 54, 55, 58)
Ibid. (Vol 2, 1987, pp. 437, 472, 525-6, 571)
*Mitt Jien Biex Tgħix Int*, Dun Dumink Camilleri (Nadur 1992, pp. 48, 52, 54, 64, 66-9, 78-80, 109-110)
*25 Sena Bażilka*, Dun D. Camilleri (Nadur 1992, pp. 86-98)
*Albo D'Oro* (Prijorat SOSJ Firenze, Italja (Mario Paci 1988, pp. 4-6)
*Pietru U Pawlu- Oratorju* (Għawdex 1988, pp.4-6)
*Pronostiku Malti* (Giov, Muscat 1987, pp.139 taħt l-isem: Vella Haber K.


**Ikkompliat**
**Is-Sibt, 12/XII/1992**